*Alexander Bonnici OFM Conv., RED, SThL; PhB.*

# SANTA DUMINKA:
## KNISJA PARROKKJALI f'ĦAL TARTARNI LI NSEJNIEHA

### QADDISA LI KIENET MEQJUMA

Jiena nħossni kważi ċert li llum ħadd iżjed ma jaf min kienet Santa Duminka. Hi qaddisa ta' żmien l-Imperatur Djoklezjanu li dwarha t-tagħrif hu fqir ħafna. Hi għexet lejn in-naħa ta' isfel ta' l-Italja, mhux bogħod wisq minn NapIi. Kienet xbejba nisranija li għexet fi żmien l-eħrex persekuzzjoni li l-Imperu Ruman qajjem kontra l-insara. Kien żmien il-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu. F'mument ta' fanatiżmu religjuż, fi ftuħ is-seklu erbgħa, hi ma beżgħetx tkisser fil-pubbliku xi idoli ta' allat pagani. Lilha arrestawha u tefgħuha f'Ċirku ħalli titqatta' bċejjeċ minn bhejjem selvaġġi. Imma dawn lilha ma għamlulha ebda ħsara. Madankollu, f'dagħdiegħa kontra tagħha, lilha minnufih qatgħulha rasha. Malajr, Duminka ġiet meqjuma bħala martri. II-fdal tagħha ttieħed fil-belt ta' Tropea fil-Kalabrija. Il-festa tagħha bdiet tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Lulju ta' kull sena.

### QIMA F'MALTA

Fis-seklu tlettax, fi żmien l-Aragoniżi, f'Malta daħlet il-qima lejha. L-isem ta' Santa Duminka ntrabat ma' diversi lokalitajiet. Kien hawn f'xi postijiet f'Malta u Għawdex xi knisja ċkejkna f'ġieħ Santa Duminka. Anki meta l-knisja spiċċat fix-xejn, ix-xaqliba ġie li baqgħet tissejjah bl-isem ta' din il-qaddisa. Xaqlibiet b'isimha kien hawn lejn Ħaż-Żabbar u lejn l-Imrieħel f'Għawdex. Imma l-aktar li ntrabat l-isem tal-qaddisa kien ma' l-inħawi ta' Ħal Tartarni u Ħad-Dingli.

### TAĦLITA FL-ISTORJA

F'Ħal Tartarni, kien hemm knisja Ċkejkna msemmija għal Santa Duminka. Minkejja l-faqar tagħha, dik kienet il-knisja l-iżjed ċentrali. Għad hawn min lil Ħal Tartarni jħalltu ma' Ħad-DingIi. Il-mappa li jiena ppubblikajt fil-ktieb *Ħad-Dingli: Raħal f'Taqbida mal-Ħajja* (p. 105), turi li l-Buskett kien jiġi fin-nofs bejn iż-żewġ lokalitajiet. Fuq ix-xellug kien hemm Ħal Tartarni waqt li fuq il-lemin kien hemm Ħad-Dingli. Imma għad hawn min jgħidlek li Ħal Tartarni biddel ismu u sar Ħad-Dingli. Imma l-verita hi li Ħal Tartarni u Ħad-Dingli huma żewġ lokalitajiet differenti minn xulxin.

### KNISJA PARROKKJALI

Ħal Tartarni, xi snin qabel l-1436, kellu l-Knisja Parrokkjali tiegħu. Din kienet imsemmija għal Santa Duminka. Qatt ma kienet parroċċa importanti. Kien hemm faqar kbir. Id-dħul waħdieni kien minn erba' legati b'renti ċkejknin.

L-ewwel kappillan li nafu bih kien Dun Guliermu Zammit. Aktarx li kien l-ewwel wieħed. B'oħrajn qablu qatt ma konna nafu. Sa mill-bidunett, inħasset problema biex jinstab qassis li joqgħod b'mod stabbli f'dak il-post. Qassis li jmur biss biex iqaddes fil-Ħdud u l-festi ma jistax jissejjaħ kappillan tassew. Imma n-nies f'Ħal Tartarni kienu qed jonqsu dejjem. Il-post beda jsir diżabitat u mingħajr ħarsien.

Minkejja l-problemi, kappillan għal Ħal Tartarni baqa' jiġi nnominat. Minbarra Dun Guliermu Zammit, nafu b'sitta oħra. Kienu Dun Anton Buros, Dun Orlando Vitali, Dun Anton Vitali, Dun Mattew Surdo, Dun Nikol de Armanino, u Dun Pietru Desguanez.

Kien hemm fosthom dawk li rrinunzjaw għall-parroċċa. Wieħed biss nafu b'ċertezza li miet fil-post. Dan kien Dun Orlando Vitali (1501-1528). Kien ukoll l-uniku li baqa' hemm fit-tul.

## TISPIĊĊA MINN PARROĊĊA

Santa Duminka ta' Ħal Tartarni spiċċat minn parroċċa mal-miġja tal-Kavallieri f'Malta. Spiċċat ma' l-Isqof Tommaso Bosio li ddikjaraha soppressa fl-1539. Hawn nagħmlu riflessjoni mibnija fuq fatti storiċi. M'għandniex dokumentazzjoni ċara li tgħidilna għaliex in-nies bdew iħallu Ħal Tartarni, u jmorru lejn Ħad-Dingli. Imma suspett ta' x'seta' ġara għandna.

L-aħħar kappillan ta' Ħal Tartami kien Dun Pietru Desguanez. Desguanez u Inguanez huma l-istess kunjom. Dan il-kappillan kien qarib tal-baruni Inguanez li, f'Ħad-Dingli, kellu ħafna artijiet tiegħu.

Hu żgur li dan il-kappillan kellu s-sehem tiegħu fis-soppressjoni tal-parroċċa ta' Santa Duminka. Hu kien jippreferi li jaħdem f'Ħad-Dingli fejn niesu kellhom kważi kollox f'idejhom. Min-naħa l-oħra, in-nies ta' Ħal Tartarni kien jaqblilhom iġorru lejn Ħad-Dingli għax il-Baruni kien iħaddem ħafna nies. Qatt ma għamilhom sinjuri, imma pprovdielhom x'jieklu bix-xogħol fl-għelieqi. Din hi waħda mir-ragunijiet, jekk mhux il-waħdanija, għaliex Ħal Tartarni ġie abbundunat.

## FDALIJIET BISS

Il-knisja ta' Santa Duminka intelqet, iġġarrfet weħidha, u sfat fix-xejn. Fadal biss xi fdalijiet ta' dik il-knisja. Biż-żmien, dawk li kitbu dwar Ħal Tartarni isemmu knisja oħra li kienet f'Ħal Tartarni. Jiktbu fuq il-knisja ta' San Bartilmew. Santa Duminka qatt ma reġgħet inbniet. Imma l-isem ma ntesiex għax f'Ħad-Dingli wkoll, biż-żmien, kellha tinbena knisja oħra li ssemmiet għal Santa Duminka.

*Parroċċa Santa Marija Ħad-Dingli*
*Programm tal-Festa 2001 paġni 36 u 37*
*Riprodott bil-permess tal-Kappillan, Fr. Norman Zammit*